

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1337/2014**tas-16 ta' Diċembru 2014****li jemenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 947/2014 u (UE) Nru 948/2014 fir-rigward tal-aħħar jum għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-ghajjnuna għall-ħżin privat ta' butir u ta' trab tal-ħalib xkumat**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 18(2), l-Artikolu 20(c), (f), (l), (m) u (n), u l-Artikolu 223(3)(c) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajjnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(2)(b) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 947/2014 ⁽⁴⁾ u (UE) Nru 948/2014 ⁽⁵⁾ fetħu skemi ta' ħżin privat ta' butir u trab tal-ħalib xkumat, rispettivament, minħabba sitwazzjoni tas-suq partikolarment diffiċli, b'mod partikolari minħabba l-projbizzjoni introdotta mill-Gvern Russu fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-ħalib mill-Unjoni lejn ir-Russja.
- (2) Dawk ir-Regolamenti jistipulaw li l-applikazzjonijiet għall-ghajjnuna jistgħu jiġu ppreżentati sal-31 ta' Diċembru 2014.
- (3) Il-prezzijiet tal-butir u tat-trab tal-ħalib xkumat fl-Unjoni komplew jiddeterjoraw u l-pressjoni 'l isfel x'aktarx tibqa' għaddejja.
- (4) Minħabba s-sitwazzjoni attwali tas-suq huwa xieraq li l-iskemi ta' għajjnuna għall-ħżin privat ta' butir u ta' trab tal-ħalib xkumat jiġu estiżi.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Emendi għar-Regolament (UE) Nru 947/2014**

Fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 947/2014, "il-31 ta' Diċembru 2014" tinbidel b'"it-28 ta' Frar 2015".

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.⁽²⁾ ĠU L 346, 20.12.2013, p. 12.⁽³⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 947/2014 tal-4 ta' Settembru 2014 li jiftaħ il-ħżin privat għall-butir u li jiffissa bil-quddiem l-ammont ta' għajjnuna, (ĠU L 265, 5.9.2014, p. 15).⁽⁵⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 948/2014 tal-4 ta' Settembru 2014 li jiftaħ il-ħżin privat għat-trab tal-ħalib xkumat u li jiffissa bil-quddiem l-ammont ta' għajjnuna, (ĠU L 265, 5.9.2014, p. 18).

*Artikolu 2***Emendi għar-Regolament (UE) Nru 948/2014**

Fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 948/2014, “il-31 ta’ Diċembru 2014” tinbidel b’“it-28 ta’ Frar 2015”.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta’ Diċembru 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER
